MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 916/2003

**Cutajar Limited**

**Vs**

**Michael Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375) rappresentanti ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta attrici lill-konvenut mill-hanut "Ultimate" f' Tas-Sliema ghal liema merkanzija il-konvenut hallas b'cekk li ma giex onorat mill-bank.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja tat-8 ta' Frar 2003, u bl-imghax legali mis-7 ta' Ottubru 2002, data tal-

konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa us ebghin lira Maltin (Lm375), bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Ottubru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------